MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2013

Numru. 362/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Daniel Zammit**

**VS**

**Christopher Shepard, iben Anthony u Mary nee' Shepard, imwieled Victoria, Ghawdex nhar l-20 ta' Lulju, 1970, residenti fil-fond 123, Triq tal-Borg, Paola, detentur tal-karta tal-identita' numru 19870G;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Christopher Shepard** li gie akkuzat talli:

1. Fix-xahar ta' Marzu, 2008, matul il-gurnata, gewwa Birzebbuga, ikkommetta serq minn gewwa l-fabbrika McNeil, liema serq huwa aggravat bil-valur li jaqbez mitejn

u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), izda mhux elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

2. U aktar talli fi-xahar ta’ Marzu, 2008, matul il-gurnata, gewwa Triq in-Nigret, Rabat, ikkommetta serq minn gewwa Dr Adrian’s Garden Centre, ghad-dannu ta’ Adrian Zammit u persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur li jaqbez mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

3. U aktar talli bejn l-20 ta’ Settembru, 2005 u l-21 ta’ Settembru, 2005, gewwa Triq Valletta, fil-Qasam Industrijali ta’ Hal Luqa, ikkommetta serq minn gewwa l-canteen tal-fabbrika Bortex, ghad-dannu ta’ Fabian Grima u persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur li jaqbez mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), izda mhux l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal izda minn mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) izda mhux izjed minn elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) liema hsara saret ghad-detriment ta’ Fabian Grima;

5. U aktar talli nhar it-8 ta’ Jannar, 2005 u l-10 ta’ Jannar, 2005, gewwa Triq Valletta, fil-Qasam Industrijali ta’ Hal Luqa, ikkommetta serq minn gewwa l-canteen tal-fabbrika Bortex, ghad-dannu ta’ Fabian Grima u persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur li jaqbez mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), izda mhux elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal izjda minn mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47), izda mhux izjed minn elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), liema hsara saret ghad-detriment ta’ Fabian Grima;

7. U aktar talli bejn l-20 ta’ Jannar, 2008 u l-21 ta’ Jannar, 2008, gewwa Triq Valletta, fil-Qasam Industrijali ta’ Hal Luqa, ikkommetta serq minn gewwa l-canteen tal-fabbrika Bortex, ghad-dannu ta’ Fabian Grima u persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur li jaqbez il-mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-hin;

8. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal izjed minn mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) izda mhux izjed minn elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), liema hsara saret ghad-detriment ta’ Fabian Grima;

9. U aktar talli fix-xahar ta’ Marzu, 2008, gewwa Triq Valletta, fil-Qasam Industrijali tal-Marsa, ikkommetta serq minn gewwa Boroni Scrap Metals, ghad-dannu ta’ Joseph Urpani u persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur li jaqbez il-mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), izda mhux l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u bil-hin;

10. U aktar talli bejn id-29 ta’ Novembru, 2007 u t-30 ta’ Novembru, 2007, gewwa Triq Hal Warda, Attard, ikkommetta serq minn gewwa l-kazin tal-football ta’ Hat Attard, ghad-dannu ta’ Justin Camilleri u persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur li jaqbez il-

mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), izda mhux l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u bil-hin;

11. U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li nstab hati b'diversi sentenzi tal-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat illi moqrija l-akkuzi, l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-istess.

Rat ukoll l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, u cioe':
a. Fl-Artikoli 18, 261(c), 267, 279(a), u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-Artikoli 18, 261(c), 267, 279(a), u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-Artikoli 18, 261(b)(c), 263, 267, 278, 279(a), u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. Fl-Artikoli 18 u 325(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. Fl-Artikoli 18, 261(b)(c), 263, 267, 278, 279(a), u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
f. Fl-Artikoli 18 u 325(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
g. Fl-Artikoli 18 u 261(b)(c), 263, 267, 278, 279(a), u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
h. Fl-Artikoli 18 u 325(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
i. Fl-Artikoli 18, 261(b)(c), 263, 267, 278, 279(a), u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
j. Fl-Artikoli 18, 261(b)(c), 263, 267, 278, 279(a), u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
k. Fl-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
l. Fl-Artikoli 17, 23, 23B, 30, 31, 532A, 532B, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll illi moqrija l-istess Artikoli, l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji.

Rat il-provi kollha migjuba.

Rat illi l-Ispettur Daniel Zammit ezebixxa l-istqarrija tal-imputat, f'liema stqarrija tista' tghid illi l-imputat innega l-involviment tieghu f'dawn ir-reati in dezamina ghal kollox.

Minn naha tieghu PS 430 Andrew St John xehed li l-istqarrija tal-imputat fil-fatt giet maghmula fil-presenza tieghu, fejn kif inghad innega l-involviment tieghu. Qal illi dawn l-akkuzi waslu ghalihom minn investigazzjoni qawwija. Qal ukoll illi tnejn minn nies involuti kkoperaw mal-pulizija. Dawn skondtu kienu l-istess nies li semma' Shepard l-imputat. Qal illi dawn il-persuni (ohra nvoluti, allura mhux l-imputat) anke hadu lill-pulizija fil-postijiet li gew misruqa. Spjegawlhom dawn anke l-modus operandi. Qal ukoll illi l-imputat kien qieghed ikun personali mieghu, b'theddid u tfixkil fix-xoghol taghhom. Xehed fuq dan ix-xhud, pero ghandu jinghad ukoll illi ma ngabu ebda akkuzi f'dan is-sens. Semma bhala wiehed li ghenhom f'din l-investigazzjoni lil Bruno Philip Farrugia.

Ghalhekk l-istess Bruno Philip Farrugia xehed dwar serqa minn canteen gewwa Hal Far tal-fabbrika McNeil, u ohra minn Dr Adrian's Garden Centre Rabat. Qal illi minn hemm hadu hafna affarijiet bhala pots u qsari.

Dwar is-serqa tar-Rabat spjega li din saret bil-karozza tieghu, u kien qieghed isuq hu. Spjega li qabzu mill-gate u hadu l-affarijiet. Kienu hu, Kenneth Ellul, u l-imputat Shepard. Qal ukoll illi Shepard ma ridx jaqbez u li kien Shepard li hall is-serratura u ghalhekk hargu mill-bieb.

Dwar is-serqa mill-fabbrika McNeil fil-limiti ta' Hal Far, xehed illi Shepard kien anke gab jug mill-karozza u bih fetah it-tieqa. Kien cert anke f'din l-okkazjoni li l-imputat anke hawn kien mieghu. Xehed illi dakinhar hadu sigaretti u flus - circa €80.

Xehed dwar serqa li saret minn Boroni Scrap Metals. Qal illi ghalkemm Shepard kien qallu biex jaghmlu serqa minn hemm, dan ix-xhud kien irrifjuta. Wara pero kien qallu l-imputat li minn hemm kien ha computer.

Xehed ukoll dwar serqa li l-imputat ghamel mill-kazin tal-football ta’ Hat Attard. Kien marlu d-dar b’investa mimlija sigaretti u kien tah minnhom. Skondtu Shepard kien qallu li kien mar fil-kazin qabel, hall il-firroll u l-ghada dahal mit-tieqa.

Xehed anke li kien qallu l-imputat dwar serqiet li kien ghamel mill-Bortex, almenu darbtejn qabel. Hadu mieghu f’okkazjoni ohra, spjegalu li kien dahal bil-lieva. Spjega allura li t-tielet darba li kien dahal kien ha lil dan ix-xhud mieghu, pero dan Farrugia nnega l-involviment tieghu f’dan.

Ammetta ghalhekk illi hu serqiet mal-imputat ikkommetta dik li saru fil-fond ta’ Dr Adrian’s Garden Centre, u fil-kazin tal-football ta’ Hat Attard; pero dwar l-ohrajn l-imputat jew ammetta mieghu li ghamilhom jew stiednu biex imur mieghu.

Dwar is-serqa li saret mill-McNeil qal illi l-imputat qallu biex joqghod warajh ghax kienet iddoqq l-alarm stante li kien jaf il-post ghax l-imputat kien dahal hemm qabel. Fil-fatt jghid dan ix-xhud illi hu kien wegga’ u qabditu l-alarm.

Xehed illi hu kien jaghmel dan kollu ghax kellu l-vizzju tad-droga u ghalhekk kellu bzonn il-flus. Qal illi nonostante li kien jahdem kien iwebblu l-imputat.

In kontro ezami qal illi hu kien gia’ tressaq fuq dawn is-serqiet, u kien wehel sentejn sospizi ghal erba’ snin, u Supervision Order.

Zied ukoll in kontro ezami, illi s-serqiet li kien gie akkuzat bihom (u anke misjub hati taghhom), kienu saru bejn 5 u 6 snin qabel. Qal illi hu qabel dan kien ilu jaf lill-imputat xi xahrejn qabel sehhew dawn l-affarijiet.

Dwar is-serqa li skondtu ghamel flimkien ma’ Shepard minn Dr Adrian’s Garden Centre, qal illi kienu qabzu x-xatba. Qal illi Shepard kien akkuzat ghax kien gideb fuqu

talli kien semma’ hafna affarijiet li ma kinx ghamilhom hu, ma’ Spetturi ohrajn.

Insista li Shepard wara xahrejn li kien jafu, stqarr mieghu is-serqiet kollha.

Dwar jekk kinx jaf li fi zmien li hu akkuzat bis-serqiet, Shepard kien bil-house arrest, dan wiegeb illi ma kinx jaf, illi kien imur dan Shepeard bil-karozza tieghu d-dar tieghu filghaxija.

Fabian Grima xehed illi hu kien jiehu hsieb il-canteen tal-Bortex, Marsa; u li minn hemm sofra tliet serqiet – tnejn fis-sena 2005, u darba ohra fil-festa tal-Indipendenza tas-sena 2005, l-ohra fil-weekend ta’ Jannar 2005, u ohra f’Jannar 2008. Serqulu sigaretti, muniti tal-fidda, affarijiet ta’ birer u Coca. Qal illi kull darba s-serqa kienet anqas minn Lm1,000.00. Ftakar fl-ahhar wahda tas-sena 2008, kienu nsterqu bejn Lm600.00 jew Lm700.00.

In kontro ezami Fabian Grima qal illi hu la kellu nformazzjoni dwar l-imputat, u li lanqas kien jafu.

L-Ispettur Daniel Zammit minn naha tieghu, ezebixxa sensiela ta’ sentenzi in sostenn tal-akkuza tar-recidiva (folio 105 – 130). F’dan ir-rigward id-Difiza anke ezentat lill-Prosekuzzjoni milli ttella’ prova tal-identita’ dwar l-istess (folio 209).

Minn naha tieghu Justin Camilleri, illi kien jiggestixxi l-football club ta’ Hat Attard, xehed dwar is-serqa. Qal illi kien sab il-bieb miftuh, sab il-magna ta-sigaretti mqatta’ bi grinder, serqulu wkoll cikkulata u flus mill-kexxun. Is-serqa kienet ghalih taqbez il-Lm100.00, pero mhux Lm1,000.00. Dwar l-isgass qal illi sofra biss hsara fis-serratura.

In kontro ezami xehed illi l-bieb tal-club li nstab misruq kienu sabuh miftuh. Qal illi sab miksur fil-fatt il-bieb ta’ barra bil-katnazz, cioe’ l-bieb tal-hadid.

Justin Urpani, in rapprezentanza ta’ Boroni Scrap Metals, xehed ukoll dwar serqa sofferta minn dan il-fond. Qal illi l-

valur misruq kien ta’ bejn Lm300.00 – Lm400.00. Qal illi kien insteraq printer kbir. Qal illi hu kien direttur tas-socjeta’ msemmija.

PC 1337 Kevin Curmi minn naha tieghu xehed dwar l-ammissjoni ta’ Bruno Philip Farrugia tal-involviment tieghu f’serq minn diversi postijiet, fejn anke semma lill-imputat u l-involviment tieghu.

Rat ukoll il-verbal tal-Ufficjal Prosekutur li in kwantu l-fabbriki McNeil u Dr Adrian Garden Centre ma kinux ghadhom joperaw, ma setax iharrek rapprezentant taghhom.

L-Ispettur Daniel Zammit xehed minn naha tieghu li waqt illi kien qieghed jinvestiga diversi serqiet, certu Bruno Philip Farrugia, minnu investigat, ammetta mieghu l-involviment tieghu f’diversi serqiet. Dan indikalu l-involviment ukoll ta’ certu Kenneth Ellul, u l-imputat, bhala nvoluti mieghu fl-istess. Skondtu dan semma li mal-imputat ghamel serqiet mill-fabbrika McNeil f’Marzu 2008; ohra mill-kazin tal-football ta’ Hat Attard. Serqa ohra li skondtu semma ukoll f’Marzu 2008, kienet saret minghand Dr Adrian Garden Centre gewwa r-Rabat. Xehed l-Ispettur illi Bruno anke qallu dwar serqiet ohra li dan Shepard allura ammetta mieghu li kien ghamel mill-Bortex. Qal illi hu ghalhekk kien baghat ghal dan Shepard, li qallu li dan Bruno kien ghamel statement kontra tieghu ghaliex hu – Shepard, kien ghamel statement kontrieh mal-Ispettur Mercieca dwaru. Meta gie suggerit lilu li fil-fatt dan Bruno m’ghamlux b’vendikazzjoni ghaliex Shepard kien ghamel l-statement tieghu wara, hu skont l-Ispettur Zammit baqa’ jinsisti mieghu li kien hu li ghamel l-statement l-ewwel kontra Bruno. Qal l-Ispettur illi hu kien ressaq ghalhekk lil Shepard fuq dak illi kien qallu Bruno. Qal illi Bruno kien anke hadhom, cioe’ lill-pulizija, fuq il-post derubat. Ikkonferma li l-Ispettur Mercieca kien ikkonfermalu li mieghu kien irrilaxxa statement, u li anke gguramenta l-istess quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Baqa’ tal-opinjoni l-Ispettur Zammit li l-statement ta’ Shepard sar wara dak li kien ghamel mieghu Bruno Farrugia.

In kontro ezami ulterjuri qal l-Ispettur Zammit illi hu ha l-statement ta' Bruno Philip Farrugia fil-15 ta' Frar, 2009. Xehed illi lill-akkuzat fuq dan il-kaz kien kellmu f'April tas-sena 2009, allura ghalih ferm wara li kien tkellem ma' Bruno Philip Farrugia. Ghalhekk ikkonferma li hu lill-imputat qatt ma kien kellmu fuq dak illi kien kixef mieghu fuqu Bruno qabel ma arrestah fuq l-istess; ghalhekk xahrejn wara. Ikkonferma li fil-fatt Shepard kien ta nformazzjoni fuq serqa li kienet saret minghand il-Professur Zammit gewwa Haz Zebbug.

Mistoqsi jekk Shepard fiz-zmien tas-serqiet investigat kinx il-habs jew f'kazijiet ohra taht house arrest, l-Ispettur Zammit ma kinx jaf iwiegeb ghal dan.

L-imputat ghazel illi jixhed minn jeddu. Qal u nnega b'mod kategoriku li hu qatt kellu x'jaqsam mas-serqiet imsemmija. Spjega x'kienet ir-raguni ghala kienu qed jinghadu fuqu dawn l-affarijiet. Qal illi darba, waqt li kien f'daru, marru ghandu xi persuni juruh curkett biex ibieghulu, kien curkett tad-deheb. Semma' lil Kenneth Ellul u lil Bruno Farrugia. Dawn lilu qalulu li dan kien misruq minghand il-Professur Anthony Zammit ta' Haz Zebbug. Minn hemm xehed illi baqa' sejjer ghand l-Ispettur Mercieca. Xehed illi dan id-diskors sar fis-sena 2008 – 2009, fix-xitwa, u li ghandu marru f'Novembru, dan ghaliex xehed illi hu kien hareg mill-habs fl-20 ta' Ottubru, 2008. Qal illi xahar wara din l-offerta ta' bejgh, mar ghand l-Ispettur Mercieca, mar xi erba' darbiet skondtu, ghamel stqarrija. Ic-curkett iddeskrivieh bhala wiehed tad-deheb isfar bid-djamanti.

Qal illi in kwantu ma kinx iddilja maghhom, allura ma kinx jaf kemm riedu flus. Spjega illi hu mar ikellem lill-Ispettur (Merceca) wara s-serqa. Qal ukoll illi hu kien semma dawn in-nies mal-Ispettur, u kien anke qallhom f'wicchom. Mar anke ghand il-Profs Zammit. Tah deskrizzjoni tac-curkett. Qal ukoll illi gguramenta l-istqarrija quddiem il-Magistrat Dr Silvio Meli. Xehed ukoll illi fi zmien ta' dawn is-serqiet li bihom attribbwieh Bruno, hu kien taht house arrest fuq kaz ta' kaxxi tal-loghob. Qal ukoll illi hu qatt ma

sab minn jirrangalu, ghalhekk spicca ghamel hmistax-il sena habs, ghax dejjem jitla' u jammetti.

Dwar ill-kaz ta' Bruno, allura dak in dezamina, xehed illi hu lill-Ispettur Mercieca kien kellmu ghal xi ghaxar darbiet bejn Jannar u Marzu, u gguramenta x-xhieda tieghu quddiem il-Magistrat Meli f'April 2009. Qal ukoll illi pero f'dak iz-zmien li beda jitkellem Bruno, hu ma kinx jaf x'kien qieghed jghid fuqu. Qal illi meta mar biex jaghmel il-gurament, kien ghajjatlu l-Ispettur Zammit u ressqu fuq dawn is-serqiet, ghalhekk zied illi l-ewwel darba li kien sema' b'dawn is-serqiet kien wara li fil-fatt kien xehed quddiem il-Magistrat Meli. Qal illi l-ewwel hu mar ikellem lill-Ispettur Mercieca (hemm kien sar konfront), imbaghad Bruno kien mar ghand l-Ispettur Zammit. Ghalhekk xehed illi fil-fatt dawn l-akkuzi kienu rizultat ta' tpattija ta' Bruno.

Dwar is-serqa li saret fuq il-Profs Zammit, semma li nvoluti kien hemm Christian Ellul, Bruno Farrugia, u Kenneth Ellul. Qal illi dawn marru ghalih fil-bidu ta' April, kellhom ic-cavetta, karozza misruqa, snieter, u armi. Marru ghalih id-dar ihabbtulu l-bieb. Qal illi kienet ghadha kif tmut ommu, u kien wiret, u li ghalhekk ma kellux ghalfejn jisraq. Kecciehom, twerwer. Qal ukoll mal-Ispettur Zammit kien ammetta mieghu serqa ta' ghaxar mobiles. Qal anzi li meta saret is-serqa ta' Zammit, kien il-habs. Qal ukoll illi ghad irid jixhed fil-guri tal-Profs Zammit. Spjega wkoll illi kellu jixhed quddiem il-Magistrat Vella dwar dan u tellghuh fl-istess van. Ghalih ghamlu farsa, allura ghazel illi ma jidhidx. Zied illi anke minn naha tal-gwardjani tal-Habs kien qed isir hafna kummenti fuqu, jghidulu l-widna. Semma diversi minnhom.

Qal illi dan Kenneth Ellul anke ssuggerielu li ghandu jitfa' kollox fuq l-Ispettur, li gieghlu jghid hu dwar dak li gguramenta fil-konfront tas-serqa li saret minghand il-Profs Zammit. Talab illi minhabba l-inkoluminita' tal-familja tieghu, ghalhekk jixhed fil-guri relatat wara li johrog mill-habs.

In kontro ezami ammetta li fil-kumpilazzjoni kontra Kenneth Ellul, meta tellghuh jixhed, kien irvilla. Dan

spjega ghax tellghuh mieghu stess, cioe’ mal-istess Ellul. Qal illi ma ridx jixhed sakemm jigi separat minn Ellul, ghaliex skondtu gol-habs kienu “iduruk” (folio 252). Ikkonferma li mad-Direttur u ufficjali ohra tal-habs, kien fdat tant illi anke kien fdat bil-flus.

Qal illi hu bhala serqiet qatt ma dahal fuq in-nies.

Id-Difiza tellghet jixhed lill-Profs Anthony Zammit, li qal illi hu kien safa misruq fil-11 ta’ Awwissu, 2008. Qal illi darba fetah il-bieb, u barra pazjent dahal ukoll ragel iehor, dahal ghandu l-imputat li qallu illi ried jghinu. Qallu min kien involut fis-serqa, u li anke riedu jinvolvu lilu. Qal dan ix-xhud illi mid-dettalji li kien tah l-imputat, induna li kien jaf verament dwar is-serqa. Hallielu anke l-imputat l-statement li kien ghamel mal-pulizija fuq dan, Dok AZ.

Qal illi dan kien l-unika kuntatt li qatt kellu mal-imputat, u li ma kien talbu xejn biex jitla’ jixhed. Ikkonferma l-ismijiet li fil-fatt kien semmielu – il-Lula, Christian Ellul, u certu Bruno minn Hal Ghaxaq; u anke kien qallu li kien avvicinat minnhom biex jippartecipa fis-serqa, u li kienu anke wrew l-ghodda u qalulu l-modus operandi ta’ kif kellha ssir.

Kien kellem lill-Ispettur Mercieca dan ix-xhud dwar il-fatt illi kien avvicinah Shepard, u l-Ispettur Mercieca lilu kien qallu li kien hemm xi caqlieq fl-investigazzjoni.

Minn naha tieghu l-Ispettur Mercieca kkonferma li l-imputat kien tah informazzjoni dwar is-serqa li saret ghand il-Profs Zammit. Ikkonferma li kien semmielu lil Kenneth u Christian Ellul, u certu Bruno Farrugia, bhala nies involuti. Ikkonferma li anke ghamel konfront fl-ufficju tieghu dwar dan, u li l-imputat zamm ferm fil-verzjoni tieghu. Ikkonferma li l-informazzjoni Shepard ghaddihielu bejn Jannar u April 2009, mentri l-kaz tal-Profs sehh f’Awwissu 2008. Ikkonferma li Shepard kien ikkonferma l-statement, pero fil-kumpilazzjoni kien ghamel zewg passi lura meta gie biex jixhed. Ikkonferma wkoll illi kien qallu li kien gie mhedded minn Ellul; anke li kien hassu rrabjat li kien spicca mressaq fuq l-akkuzi in dezamina meta hu kien tahom tali nformazzjoni. Ikkonferma wkoll illi Shepard ghal

diversi drabi qallu li kien qieghed jibza’, tant illi anke biex jitkellem mieghu, dan l-Ispettur kien anke vvinta seduta biex itellghuh il-Qorti u jiltaqa’ mieghu.

Maghluqa l-provi, semghet it-trattazzjoni, u rat in-noti ta’ sottomissjoniijet.

Ikkunsidrat:

Illi certament u bla dubju, kif ben issottometta l-abbli avukat difensur, l-unika xhieda li fil-verita’ hemm li tghaqqad lill-imputat mal-akkuzi migjuba kontra tieghu, hija dik ta’ Bruno Philip Farrugia li allura, wara li ghadda in gudikat fuq l-istess, jimplika lill-akkuzat fi tnejn minnhom – dik li saret mill-Mc Neil Factory, u dik minn Dr Adrian Garden Centre. Issa skont dan Farrugia, hu kien ghamel dawn is-serqiet flimkien ma’ Shepard. Fil-konfront tas-serqiet l-ohra in dezamina, dan Farrugia xehed illi kien qallu bihom l-istess imputat, cioe’ l-imputat mar jistqarr ma’ dan li kien hu li kkommetta s-serqiet mertu ta’ dawn il-proceduri.

Pero dak li qal dan Farrugia huwa mittiefes b’hafna inezattezzi – tistaqsi l-Qorti fl-ewwel lok, ghaliex dan Shepard kellu jiftah qalbu ma’ dan Farrugia dwar serqiet minnu kommessi, meta ftit kienu ilhom jafu lil xulxin xahrejn!!

Apparti ghax-xhieda ta’ dan Bruno Philip Farrugia, il-Qorti tinnota wkoll illi hadd ma ttella’ jixhed, u dan gia’ sar referenza ghalih aktar ‘il fuq mill-Prosekuzzjoni fil-konfront tas-serqiet tal-Mc Neil u Dr Adrian Garden Centre.

Lanqas - barra x-xhieda ta’ Farrugia, ma ngabet l-anqas prova ckejkna forensika li torbot lill-imputat ma’ dawn ir-reati. Anzi fil-kaz tas-serqa ta’ McNeil Factory, ir-rapport fuq l-istess iddahhal mill-Ispettur Zammit, lanqas mid-derubat innifsu.

Issa verament a bazi tal-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti setghet facilment tistrieh fuq ix-xhieda ta’ Bruno Philip Farrugia biss, ghax il-Ligi trid li jekk

xhud wiehed ikun emmnut, ix-xhieda tieghu hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta daqs li kieku gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar.

Pero frankament il-Qorti, qieghda tbaghti mhux ftit biex tqis illi x-xhieda ta' Farruga taghtieha dan is-serhan tal-mohh biex twassal ghal htija. Dan apparti l-iskarsita' tal-istess xhieda, u nuqqas ta' korraborazzjoni ohra, fis-sitwazzjoni tal-allegata tpattija ta' Farrugia kontra l-imputat, allura thoss il-Qorti li l-motivazzjoni ta' Farrugia hija xi ftit jew wisq (aktar wisq) imxejjna u monka. Bla dubju ta' xejn, l-imputat implika kemm lil Farrugia kif ukoll nies ohra fis-serqa kerha u makabra li sofra l-Profs Anthony Zammit. Wiehed irid biss jisma' u jara x-xhieda ferm kommwoventi u emozzjonali li ta l-Profs Zammit quddiem din il-Qorti, u l-apprezzament li ghandu dan lejn l-ghajnuna li tah l-imputat. Tfakkar il-Qorti wkoll illi l-imputat anke ghazel illi jigguramenta l-istqarrija tieghu f'dan ir-rigward u ta spjegazzjoni lanqas negata mill-Ispettur Mercieca, li dan kellu certu biza' jixhed fil-kumpilazzjoni.

Ma tistax hawn il-Qorti ma tikkundannax l-agir ta' kull min ippermetta li l-imputat, xhud f'kumpilazzjoni, jittella' l-habs fl-istess van mill-istess akkuzat li kontra tieghu jkun ser jixhed – dan mhux mod serju kif jigu mmexxija l-affarijiet, jekk verament hemm l-intenzjoni li jsiru sew u li ssir gustizzja!!

Issa l-ahhar punt li trid taghmel din il-Qorti, huwa dak regolat bl-Artikolu 639(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, emendat bl-Att XV1 tas-sena 2006. Jghid dan:

"*(3) Meta l-uniku xhud kontra l-akkużat dwar xi reat fi proċess li jinstema' quddiem il-ġurati tkun persuna kompliċi, il-Qorti għandha tagħti direttiva lill-ġurati biex jiżnu x-xiehda li dak ixxhud jagħti b'kawtela qabel ma jserrħu fuqha u jaslu biex isibu ħati.*"

Il-Qorti, apparti ghall-fatt illi kif gia' kkummentat, qieset illi x-xhieda ta' Bruno bhal skarsa, anke ghax ghandha

verament toghma ta' tpattija, izzid biss illi ghalkemm dan Bruno seta' kien komplici mal-imputat fis-serqiet ta' Dr Adrian Garden Centre u McNeil, din il-Qorti setghet facilment strahet fuq ix-xhieda tieghu mehuda d-dovuta kawtela (ara decizjoni "Il-Pulizija (Spt Maurice Curmi) vs Omissis; Jason Psaila; Omisiss", deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, Onor Imhallef Dr L Quintano, datata 15.07.2013, App Nru 187/2012). Pero kif gia' qalet din il-Qorti, xejn u xejn ma kkorabora x-xhieda ta' Farrugia, anzi l-imputat ressaq zewg provi ferm soda (apparti n-negazzjoni tieghu), l-Ispettur Mercieca u l-Profs Zammit in sostenn tat-tezi tieghu ta' tpattija.

Konsegwentement, din il-Qorti, maghmula dawn il-konsiderazzjonjiet, qieghda tilliberah mill-akkuzi migjuba kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------